*-danni minn ħruq pirotekniku*

*-responsabilita` ex delicto ta' uffiċjali u membri ta'*

*korp ġuridiku*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Nru. 1000/2008GM**

**Lawrence Attard u b'digriet tat-8.19.2019 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Enzo Attard (ID 397177M) bħala eżekutur testamentarju ta' Lawrence Attard li miet fil-mori tal-kawża u E.L.A Limited**

**vs**

**Benny Dingli f'ismu propju kif ukoll għan-nom u in rappresentaza ta' Lily Fireworks Factory; Duncan Brincat u Mario Stivala; u Mario Attard li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 Noel Mallann assuma l-atti minfloku fil-kwalita` tiegħu ta' President b'effett mid-29.10.2009, Duncan Brincat li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 Joseph Mintoff assuma l-atti minfloku fil-kwalita' tiegħu ta' Segretarju b'effett mit-30.10.2016, u Michael Spiteri li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 Raymond Cilia assuma l-atti minfloku fil-kwalita`**

**tiegħu ta' kaxxier tas-soċjeta` b'effett mit-2.09.2012, fil-kwalita` tagħhom ta' president, segretarju u kaxxier rispettivament għan-nom tas-soċjeta` *Circolo San Giuseppe Filarmonica Sacra Familia***

**Seduta tas-7 ta' Jannar 2020.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Lawrence Attard u E.L.A Limited li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

i) tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-ħruq li seħħ fl-*scrapyard* tal-atturi fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2006 u għad-danni kollha mġarrba b'riżultat tal-istess.

ii) tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominand.

iii) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-25 t'April 2008 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

1) preliminarjament l-atturi individwalment iridu jiddikjaraw x'interess separat

għandhom fil-proċeduri odjerni sabiex l-esponenti ikunu jistgħu jirregolaw irwieħhom dwar l-istess. Iridu jipprovaw li huma proprietarji flimkien tal-imsemmija *scrapyard* jistabilixxu xi ħsara sofriet l-istess scrap yard u humiex ilkoll ko-propjetarji tal-oġġetti li allegatament inħarqu b'risultat tal-ħruq, mertu tal-kawża;

2) Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-ewwel kontestazzjoni illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li l-fatti mertu ta' din il-kawża jikkostitwixxu aċċident li għalih m'għandhomx iwieġbu l-eċċipjenti;

Rat li l-persuni li għandhom ir-rappreżentanza tal-Circolo konvenut ġew mibdula permezz ta' diversi assunzjonijiet tal-atti waqt il-mori tal-kawża;

Rat il-verbal tagħha tat-8 t'Ottubru 2019 fejn laqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Enzo Attard bħala eżekutur testamentarju tal-attur Lawrence Attard li miet fil-mori tal-kawża;

Ħadet konjizzjoni tal-atti kollha tal-proċess inkluż il-provi akkwiżiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur joqgħod fil-fond numru 31, Triq Santu Rokku l-Kalkara bil-ġnien ta' warajha; propjeta` tiegħu. Appoġġ ma' din il-propjeta` hemm art konsiderevolment kbira illi skond l-attur tintuża' bħala *scrapyard* mill-kumpanija attriċi E.L.A Limited u li hija mdawwra b'ħajt oħxon u għoli. Id-diretturi tal-kumpanija attriċi kienu, fiż-żmien rilevanti, l-attur stess u ibnu Enzo Attard. Il-

kumpannija attriċi tagħmel bejgħ u xiri ta' *scrap*;

Illi waqt il-festa tal-Kalkara, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2006 inħarqu murtali tal-ajru ġo għalqa maġenb l-imsemmija *scrapyard*. Il-ħruq tal-murtali dejjem kien isir fil-viċinanza tal-*scrapyard*, tant li ta' kull sena l-attur kien iħallas *fire engine* a spejjeż tiegħu sabiex tkun hemm għal dak kollu li jista' jinqala'.

Illi ftit tal-ħin wara li beda n-nar, qabad il-ġnien tal-attur għax bdew jaqgħu biċċiet tan-nar iżda l-pumpiera li kienu fuq il-post tfewh. Sussegwentament qabdet ukoll l-għalqa ta' wara l-i*scrapyard* li aċċess għaliha ma kienx hemm u fil-fatt il-*fire-engine* kellha tgħaddi minn ġewwa l-*scrapyard* u dan in-nar intefa' wkoll. Sadanittant il-murtali xorta baqgħu jinħarqu minkejja li wieħed mill-pumpiera kien kellem direttament lil tal-festa sabiex iwaqqfuh;

Illi għal xi s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu, l-attur induna illi l-*scrapyard* ħadet in-nar. Il-pumpiera rnexxilhom jikkontrollaw in-nar iżda kien baqa' xi xrar li baqa' jieħu sat-Tnejn filgħodu u kull darba li kien ifeġġ kienu jergħu jitfuh il-pumpiera wara li jissejħu fuq il-post. Kienet infetet inkjesta Maġisterjali;

Illi l-konvenut Duncan Brincat li kien is-segretarju taċ-Circolo San Giuseppe Filarmonica Sacra Familia, jixhed illi kien hu li ħa ħsieb jagħmel il-permessi tal-festa f'isem il-każin għand l-awtoritajiet kompetenti u l-permess tal-ħruq tan-nar ħareġ fuq ismu u f'isem il-President tal-każin flimkien mal-konvenut Benny Dingli li kien liċenzjat għall-ħruq tan-nar. Huwa flimkien mal-President tal-każin iffirmaw dokument li jagħmilhom responsabbli flimkien mal-*licensee*, f'dan il-każ Benny Dingli. Brincat jixhed ukoll illi fl-imsemmi permess immarkaw għalqa b'oħra minn fejn kellu jitla' n-nar u mhux minn dik li fil-verita` tellgħu n-nar minnha;

Illi Duncan Brincat prova jiskolpa l-każin ikkonċernat billi argumenta illi huma għamlu kollox sew u n-nar ma jistax ikun illi qabad konsegwenza tal-murtali għaliex meta qabad kienu għaddew siegħat minn xħin kien spiċċa kollox. Jgħid

ukoll illi r-riħ ma kienx lejn l-*scrapyard* għalkemm ikkonferma illi l-kanen tal-murtali kienu mxaqilbin xi ftit lejn l-*scrapyard*;

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, tabilħaqq din il-Qorti ġiet iffaċċjata bi provi kemmxejn nebolużi. Skont ir-rikors ġuramentat, Lawrence Attard u l-kumpannija huma komproprjetarji; fl-affidavit tiegħu a fol 46 Lawrence Attard jgħid li l-i*scrapyard* hija tal-kumpannija. L-ebda kuntratt ma ġie prodott. Fid-dikjarazzjoni kawża mortis ta' Lawrence Attard hemm iddikjarat li kien proprjetarju ta' nofs indiviż tal-fond 31 Triq Santu Rokku, ġja` Triq Wied Għammieq, Kalkara, konfinanti mil-Lvant ma' proprjeta` ta' ELA Limited.[1] Jidher li din hija l-iscrapyard *de quo* billi tmiss mar-residenza tad-*decujus*. Il-konvenuti jirrikonoxxu li l-i*scrapyard* hija ta' Lawrence Attard jew tal-kumpannija, tant li qabel ma ħarqu l-murtali qrib l-i*scrapyard*, kienu marru kellmu lil Attard stess biex jaraw għandux xi problema, u wara li seħħ l-inċident, il-konvenut Duncan Brincat kien mar kellem lill-attur u aċċertah illi kien se jkellem lid-ditta ta' assikurazzjoni tal-każin rigward l-inċident. Jidher illi l-każin għaraf illi l-atturi kienu jagħmlu użu minn din l-*scrapyard* u għalhekk kellhom kull interess illi jipproċedu bil-kawża odjerna. Għalkemm l-atturi setgħu ġiebu prova aqwa, per eżempju billi esebew il-kuntratt tal-akkwist jew xi prova oħra tal-provenjenza, din il-Qorti hija sodisfatta li għall-fini ta' din il-kawża - li wara kollox hi kawża dwar danni u mhux dwar proprjeta`; u li fiha l-kwistjoni tal-identita` tal-proprjetarju hija waħda inċidentali - li l-i*scapyard* hija tabilħaqq proprjeta` tal-kumpannija attriċi;

[1] Fol 428 para numru 2

**Ness bejn il-ħruq tal-murtali u l-qbid tan-nar fl-i*scrap yard***

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija li m'għandhomx iwieġbu għall-inċident in kwistjoni għaliex kien aċċident;

Illi saret inkjesta magisterjali li fiha nħatar il-Professur Alfred J. Vella illi għandu esperjenza sa mill-1985 f'investigazzjonijiet ta' nirien u splużjonijiiet, sabiex jagħmel relazzjoni dwar l-akkadut. Huwa seta' jidħol fid-dettal ta' dak li seħħ għaliex ra l-filmati miġbuda bic-CCTV li kien hemm ġewwa l-*scrapyard*;

Illi fl-għalqa maġemb l-*scrapyard* instabu medda ta' kanen ta' erba' pulzieri li jaslu sa **sitta punt erba' metri (6.4m)** u kanen tas-sitt pulzieri li jaslu sa **erbgħa punt tmien metri (4.8m) 'l bogħod 'l bogħod mill-ħajt** tal-i*scrapyard*[2];

Illi Profs Vella ikkonstata li bejn il-ħdax u l-ħdax u nofs ta' filghaxija nhar l-14 ta' Lulju 2006 dehru fuq il-filmat *flashes* ta' dawl preżumibilment ikkaġunati minn ħruq ta' murtali sparati fl-*scrapyard*. Xi nofs siegħa wara żdiedet l-attivita` u jidher ħruq ta' ħaxix fl-għelieqi li jinsabu fin-nofsinhar tal-*scrapyard*. Dan il-ħaxix intefa' mill-*fire-engine*. Il-murtali ma waqfux u reġa' niżel xrar fl-*scrapyard* u għalhekk reġa' ħa n-nar fl-*scrapyard*. Għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu jidher li beda tiela' duħħan li beda jżid fl-intensita` aktar ma jgħaddi l-ħin u eventwalment ħa n-nar. Skond Profs Vella "dan in-nar kien dovut għall-preżenza ta' xi sors ta' ħruq li beda fuq materjal kombustibbli li kien jinsab fil-post li ġie nċendjat. Il-materjal *polystyrene* li minnu kienu magħmulin in parti l-*floaters* li kien hemm fl-*area*, kif ukoll l-injam tal-irkiekel tal-*armoured cables* kienu jippreżentaw *fuel* kompetenti li la darba jiġi nċendjat seta' jkompli jaqbad biex jikkawża ħruq kbir fl-*scrapyard* li ħa sigħat ta' xogħol ta' *fire fighting* qabel ġie megħlub'.[3] Fl-opinjoni tal-istess espert, is-sors inizjali ta' ħruq seta' kien xrara taqbad li waqgħet fl-*scrapyard* mid-*debris* jaqbad ifformat mill-isparar tal-

[2] Relazzjoni tal-A.I.C Richard Aquilina a Fol 22.
[3] Fol 79.

murtali adjaċenti l-i*scrapyard* liema sors waqa' u qabbad materjal kombustibbli fil-*yard*. Mill-filmat tac-CCTV kien jidher ċar li kien hemm abbundanza ta' *debris* jaqbad nieżel ġewwa l-*scrapyard*. Fdal minn dan id-*debris* instab waqt l-aċċess b'konferma għal dak li deher fil-filmat. Id-direzzjoni tad-duħħan ikkważat mill-isparar tal-murtali deher ċertament fil-filmat miexi fid-direzzjoni tal-i*scrapyard* u dan ukoll kien jindika li xrar jaqbad mill-murtali maħruqin seta' nġarr bir-riħ li kien attwali f'dak il-ħin biex jinżel fil-*yard* fejn wara beda n-nar;

Illi l-espert xehed illi peress illi fl-*scrapyard* kien hemm materjal suffiċjenti li kien faċilment kombustibbli u li ma deher xejn li seta' qabbad dan il-materjal b'mod doluż, **il-probabilita` għolja** hi li l-kawża tal-ħruq kienu l-fdalijiet tal-logħob tan-nar li waqgħu fuq dan il-materjal. Peress li kien ir-riħ, Profs Vella ma kellux dubbju li l-fdal pirotekniku seta' jasal ġewwa l-*scrapyard* u fil-post fejn jidher li beda n-nar;

Illi l-espert niżżel fir-rapport tiegħu li "kien hemm perjodu ta' madwar sagħtejn bejn l-aħħar ħarqa li anke tirriżulta mill-istess *camera* u l-iżvilupp suffiċjenti ta' dan in-nar li beda jevolvi duħħan u sħana. Dan il-perjodu ta' induzzjoni mhux inużwali jiġifieri *it is well established* mill-osservazzjonijiet u studji li saru li jista' jiġri... ma tistax tgħid li jekk waqaf in-nar ma hemmx x'imkien li qed iġammar u li l-ġamar jieħdu tul ta' żmien tipiku ta' dak li imbagħad jevolvi *into a flaming fire*. Jiġifieri l-konklużjoni kienet li probabilment in-nar kien dovut għal *fireworks* li saru f'dik l-*area*"[4];

Illi barra minn hekk, il-kumpanija assikuratriċi tal-konvenuti tammetti fir-rapport tagħha illi l-uffiċjali tagħha raw is-CCTV *footage* "*which shows amongst other things, ignition sources blowing and falling within the confines of the third party's scrapyard. The above is further confirmed by the findings of the court*

[4] Fol 61C.

*appointed expert*"[5];

Illi għaldaqstant m'hemm l-ebda dubbju illi l-imsemmija *scrapyard* ħadet in-nar konsegwenza tal-ħruq ta' murtali li kienu qed jinħarqu fl-għalqa maġenb l-*scrapyard*;

Illi stabbilit in-ness materjali, tiskatta r-responsabilita` tal-konvenuti, li jiddefendu ruħu bil-*casus.* Il-piż tal-prova ta' dan kien fuq spallejhom. Prova li huma ma ressqux. Anzi tirriżulta lampanti n-negliġenza grossolana tagħhom tant li komplew jisparaw il-murtali waqt li l-pumpiera kienu qegħdin jitfu n-nar. Eżempju tipiku ta' passjoni għal attivita` li min jagħmilha jagħma għal kollox għall-periklu li jkun qiegħed joħloq mhux biss għal terzi, imma saħansitra għalih innifsu;

**Responsabilita`**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijet tagħhom, il-konvenuti jisħqħu li fil-proċeduri kriminali ġew liberati u għalhekk *multo magis* għandhom jiġu ddikjarati bla ħtija fil-proċeduri odjerni. Din il-Qorti mhijiex disposta taċċetta li l-liberazzjoni fi proċeduri kriminali twassal awtomatikament għal nuqqas ta' responsabilita` fil-kamp ċivili. In sede penali, il-livell tal-prova huwa iktar rigoruż fuq il-prosekuzzjoni, u mhux fuq l-imputat. Fil-kamp ċivili jibbasta livell ta' prova fuq sempliċi bilanċ ta' probabilita`. Għalhekk, bil-kontra ta' dak li jissottomettu l-konvenuti, huwa iktar faċli tiskappa r-responsabilita` kriminali milli dik ċivili. Dan apparti l-prinċipju l-ieħor sagrosant li l-proċeduri ċivili u l-proċeduri penali huma indipendenti minn xulxin;

[5] Fol 89.

Illil m'hemmx dubbju li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għall-akkadut. Mhux biss dak li fiżikament twettaq sar fuq inkariku tagħha, imma l-President u s-Segretarju tagħha ffirmaw li kienet qiegħdha tidħol garanti flimkien mal-licensee Benny Dingli[6];

**Responsabilita` personali**

Illi Benny Dingli, Duncan Brincat u Mario Stivala ġew imħarrkin personalment. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jargumentaw li mhumiex responsabbli personalment billi kienu qegħdin jaġixxu f'isem is-soċjeta` konvenuta. Din m'hija xejn għajr eċċezzjoni ġdida. Kif inhu ben magħruf, mhux permess li tiddaħħal eċċezzjoni ġdida fin-nota ta' sottomissjonijiet. Għalhekk din il-Qorti mhix sejra tagħti każ tagħha;

Illi anke kieku l-Qorti kellha tikkunsidra din l-eċċezzjoni ġdida, ma kinitx tirnexxi. Il-konvenut Benny Dingli kien il-persuna responsabbli bil-liċenzja kategorija A[7] u għalhekk kien direttament responsabbli għall-akkadut anke jekk ma kienx fiżikament preżenti meta tqabbad in-nar pirotekniku. Il-ħruq ma sarx mill-għalqa indikata fil-permess tal-pulizija. Duncan Brincat ammetta, fl-inkjesta li fl-applikazzjoni – iffirmata minnu u mill-President kien indika għalqa differenti – għalkemm jgħid li dan kien bi żball: asserzjoni li din il-Qorti ssibha ferm diffiċli biex temmen. Il-konvenuti kienu qegħdin jisparaw in-nar minn post li ma kinux awtorizzati jisparaw minnu u f'distanza ferm inqas minn dik permessa mir-regolamenti u għalhekk preżumibilment perikoluża[8];

[6] 71

[7] Fol 63-65 u fol 272-275

[8] L.S. 33.03, it-Tieni Skeda

Illi kjarament il-konvenuti Benny Dingli u Duncan Brincat materjalment ikkommettew att delittwuż fil-konfront tas-soċjeta` attriċi u għalhekk huma responsabbli personalment, flimkien mas-soċjeta` konvenuta. "Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġir bi ħtija tiegħu" (Art. 1031 Kod. Ċiv.) – independentement minn jekk kienx qiegħed jaġixxi għan-nom ta' ħaddieħor jew le fil-kamp ta' ħsara extra-kuntrattwali;

Illi min-naħa l-oħra ma jirriżultax li sar xi kontribut materjali minn Mario Stivala;

Ħsara li ġarrbet l-i*scrapyard*

Illi s-soċjeta` attriċi esebiet lista ta' ħsarat li tallega li ġarrbet konsegwenza tal-ħruq flimkien ma' ritratti t'oġġetti li tagħhom qed jintalab il-kumpens ammontanti għal LM107,554[9] ekwivalenti għal €250,533.42 inklużi s-somma ta' LM27,085 (€63,091) għall-ħajt maħruq u LM40,000 (€93,174.93) għat-telf ta' ramm u ċomb;

Illi waqt l-inkjesta maġisterjali ġie maħtur ukoll il-Perit Richard Aquilina, sabiex jagħmel pjanta tal-post tal-inċident u jirrelata dwar il-ħsara li kienet saret.[10] Il-Perit żamm aċċess fil-15 ta' Lulju 2006 u ċjoe` ftit siegħat wara li seħħ l-inċident. Fuq il-post sab trakk u ħafna materjal maħruqin. Il-materjal kien jikkonsisti *f'lagging ta' buoyanancy*, *cylinders*, *polystreme lagging*, *blower* u oġġetti oħra. Il-wiċċ tal-ħajt dobblu tan-naħa tal-i*scrapyard* kellu medda kbira ta' ħruq estensiv, tant li kien hemm qabda ġebel xpakkat. Fuq il-bjut tal-imħażen fin-naħa ta' isfel tal-*scrapyard* kien hemm bċejjeċ tal-murtali;

Illi skont il-Perit sabiex il-ħsara fuq il-ħajt tissewwa kien hemm spiża ta'

[9] Fol 120 u Dok A – P a fol 122 et seq.
[10] Fol 21.

**LM4,184** (**ekwivalenti għal €9,746),** li kienet tikkonsisti f'ħatt u bini ta' medda ta' ħajt maħruq, kiri ta' skipp u krejn, u ġarr tal-materjal[11]. Barra minn din il-ħsara, kien hemm ukoll ħsara kbira fil-materjal li nħaraq pero` hu kien inkarigat biss jistma l-ħajt. Waqt ix-xhieda tiegħu, il-Perit Aquilina jgħid illi **ma setax jara l-ħajt sewwa minħabba l-ammont ta' materjal li kien hemm u għamel biss eżami viżwali tal-ħajt**;

Illi l-kumpanija attriċi inkarigat lil **Perit Anthony Fenech Vella** sabiex jagħmel stima tal-ħsarat fuq il-ħajt li kien idawwar l-*scrapyard* (forma ta' 'L') wara li seħħ l-inċident[12]. Fl-opinjoni tiegħu, l-ħajt kellu jinbidel għaliex il-ħsara kienet in-naħa ta' isfel u meta l-ġebla Maltija tiġi sottoposta għal temperaturi għoljin titlef il-konsistenza tagħha u tiġi frijabbli u tiddeġenera ruħha speċjalment meta tiġi esposta għall-elementi għax ma jkollhiex ir-reżistenza ta' qabel u jiġi ta' periklu. Li kieku l-ħsara ġrat fil-parti ta' fuq tal-ħajt ma kinitx tkun daqshekk problema imma la hemm ħsara intensiva fin-naħa t'isfel, l-uniku rimedju huwa li jinbidel. Il-Perit Fenech Vella jkompli jispejga li meta hemm ħajt bħal dak in kwistjoni li parti minnu kien magħmul minn erba' saffi u l-parti ta' fuq kienet dobblu u kien konsiderevolment għoli ma tistax tbiddel partijiet minnu għax malli tagħmel ix-xogħol tiġi esposta l-possibilita` li l-ħajt jegħleb fuq in-nies waqt ix-xogħol allura irid isir il-ħatt tal-ħajt u jerġa jittella. Sabiex jiġi żarmat il-ġebel li jinsab fl-għoli hemm il-ħtieġa ta' krejn, il-ġebel irid jitnaddaf u jintaġar parti minnu biex jerġa' jinbena, allura hu aktar *worth it* li jinħatt u jerġa jinbena mill-ġdid. Filfatt il-Perit Fenech Vella għamel stima[13] li tirrifletti l-ħatt u l-bini mill-ġdid ta' dan il-ħajt ammontanti għal **LM27,085 ekwivalenti għall-€63,091**. Waqt il-kontro-eżami kompla jispjega u jidħol fid-dettal illi meta jkun hemm intensita` ta' nar u l-ġebel jinħaraq, l-agħar li jiġri hu illi meta jħoss l-ilma dak il-ġebel li jkun inħaraq isir

[11] Relazzjoni tal-A.I.C Richard Aquilina a fol 23.
[12] Dok PA1 a fol 57.
[13] Dok PA1 a fol 57.

ġir, filfatt dan huwa l-proċess ta' kif isir il-ġir. Dan il-ħajt iservi bħala lqugħ għal iscrap kollu li jkun hemm u apparti minn hekk irid jilqa' ukoll meta jkunu qed iħottu jew jgħabbu materjal bil-gaffef u jekk jersaq xi materjal ma dan il-ħajt irid ikun jiflaħ għalih. Ikompli jispjega illi l-ħajt hu twil u għoli apparti li hemm kwantita' taħt l-art;

Illi l-kumpanija assikuratriċi tal-konvenuti ikkummissjonat rapport imħejji mill-inġinier Gaston DeGiovanni li rrelata li għalkemm l-attur ntalbu jipprovdu dokumentazzjoni bħala prova tal-ħsara mġarrba, dan m'għamluħx. Kull ma tawhom kienet lista tal-ħsarat u waħda minnhom kien il-hajt li jaqsam l-i*scrapyard*. Għalhekk il-kumpanija assikuratriċi qabbdet lill-**structural engineer Albert Cauchi** sabiex jagħi stima u rapport dwar il-ħajt in kwistjoni. Cauchi ikkonstata illi dan il-ħajt kellu jitwaqqa' u jerġa' jinbena mill-ġdid peress illi l-effett tan-nar dgħajjef il-ħajt. Skontu, l-ispiża kellha tkun **LM3,348.84** inkluz iv-VAT **ekwivalenti għal-€7,800.70**. Qal li l-ammont fuq ir-rapport tal-Perit Fenech Vella kien eċċessiv. Rigward il-ħxuna tal-ħitan, Cauchi fir-rapport tiegħu **assuma** l-ħxuna tal-hajt kienet ta' tlett saffi mentri l-Perit Fenech Vella irrediġa r-rapport tiegħu fuq erba' saffi ħxuna peress li hemm diżlivell qawwi;

Illi l-Qorti għandha quddiemha tlett perizji, waħda indipendenti u tnejn *ex parte* (anke jekk ir-relazzjoni tal-Perit Albert Cauchi mhix esibita u mhix maħlufa); tnejn viċin xulxin u l-ieħor ferm ogħla. Il-Qorti tinnota wkoll li m'għandha l-ebda nformazzjoni dwar jekk dan il-ħajt fil-fatt reġgħax inbena wara dan iż-żmien kollu – tlettax-il sena u nofs! – għalkemm mhux verosimili li tħalla mġarraf. Jekk inbena l-ħajt, segħtu faċilment jiġu esibiti l-irċevuti. Iżda billi l-Perit Aquilina għamel eżami superfiċjali tal-ħajt, u assuma li l-ħajt huwa kollu dobblu, filwaqt li l-Perit Cauchi assuma li kien oħxon bi tlett saffi – filwaqt li jirriżulta li l-parti t'isfel kienet b'erba' saffi u l-parti ta' fuq b'żewġ saffi – il-Qorti qiegħdha,

*arbitrio boni viri*, tqis li l-valur tal-ħajt kien LM5,500 ekwivalenti għal €12,811.59;

Illi l-inġinier DeGiovanni jkompli jixhed illi l-kumpanija assikuratriċi ma kellhiex l-informazzjoni kollha sabiex tikkwantifika d-danni peress li l-atturi ma fornuhiex b'dokumentazzjoni adegwata sabiex jissostanzjaw id-danni minnhom subiti. Rigward l-erbgħin tunnellata ċomb u l-għaxar tunnellati aluminju li l-atturi elenkaw fil-lista ta' danni, deGiovanni kien staqsa lill-attur fejn huma għaliex anke' jekk inħarqu dawk tkun tista' tarahom, iżda meta mar fuq il-post ma rahomx. Kien hemm affarijiet oħra illi rahom maħruqin bħal trakk, *hydraulic pump*, *buoys* u numru ta' *fenders* iżda l-affarijiet l-oħra ma rahomx. Talab illi jara l-*stock record* jew l-*accounts* u mhux neċesserjament jurih l-irċevuti tagħhom iżda dawn baqa' ma rċivihomx;

Illi dwar l-erbgħin tunnellata ċomb, Christine Mifsud, it-tifla tal-attur tixhed speċifikamnet dwar cables li jkollhom l-ewwel saff tal-ħadid, it-tieni saff taċ-ċomb u minn ġewwa tar-ram. Wara l-inċident kien baqa' biss il-biċċa ta' ġewwa u għalhekk dawn il-*cables* naqsu fil-valur. Tgħid illi waslet għall-ammont ta' erbgħin tunnelleta mill-i*stock*. Tgħid ukoll illi dawn il-*cables* huma mitlufin! Rigward l-għaxar tunnellati aluminju tgħid illi m'għadux faċilment jista' jinħadem kif kien għax beda jinqala' minn ma' xulxin. Mifsud tkompli tixhed illi fl-*scrapyard* kien hemm tinda għadha ġdida li ġieli krewha lil tal-films imma din spiċċat bin-nar, kif ukoll kien hemm materjal ieħor bħal *fenders* illi kienu jinkrew ukoll. Mifsud ippreżentat ukoll numru ta' ritratti[14] li juru ammont ta' materjal maħruq. Hemm ukoll eżebiti ritratti li ttieħdu waqt l-inkjesta Magisterjali[15];

Illi fl-atti ta' din il-kawża, l-atturi ma ppreżentaw l-ebda dokument li juri l-

[14] Dok A a fol 122 sa Dok P a fol 137.
[15] Dok OF1 a fol 259.

ammont ta' materjal illi nħaraq u stima tal-prezz tiegħu. Hemm ukoll xi diskrepanzi t'ammonti bħal per eżempju, fir-rapport tal-Profs Vella, Lawrence Attard kien diġa` semma' sebgħin tunnellata *cables* u bejn sebgħin u tmenin *floaters tal-fibre*, jablo u blalen tal-plastic[16] imbagħad fil-kawża odjerna naraw illi dan l-ammont naqas għal erbgħin tunnellata u ma ta l-ebda ammonti tal-*floaters* tal-*fibre*;

Illi l-uniku dokument illi ppreżentaw l-atturi huwa r-rapport annwali tal-awditur tal-kumpanija attriċi iżda anke f'dan hemm nuqqas serju għaliex jirriżulta li l-awditur Kevin Mahoney ma ngħatax l-evidenza meħtieġa biex ikun jista' jagħmel l-awditjar sew u fi kliemu stess jgħid illi kellu joqgħod għal kollox fuq dak li ġie ppreżentat lilu mid-direttur tal-kumpanija[17];

Illi din il-Qorti ma tistax tasal biex tistabilixxi figura ta' danni mingħajr dokumenti li jissostanzjaw l-materjal dannaġġjat bin-nar ħlief għad-danni subiti fuq il-ħajt tal-*scrapyard* għaliex hemm stima ta' Perit indipendenti mqabbad waqt l-inkjesta Maġisterjali. Il-figuri elenkati fid-dokument (esebit in atti a fol. 122) m'huma sorretti b'ebda dokument affidabbli. Anzi, il-Qorti tinnota għadd ta' inkonsistenzi dwar ammonti reklamati;

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

16 Pagna 3 tar-rapport a fol 69.
17 Ara Fol 2 tar-Rapport Annwali tal-kumpanija attriċi a fol. 206.

1. tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli għal-ħruq li seħħ fl-*scrapyard* fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2006 ħlief għall-konvenut Mario Stivala;

2. Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €12,811.59 sofferti mis-soċjeta` attriċi u;

3. Tordna lill-konvenuti solidarment bejniethom minbarra Mario Stivala jħallsu lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' €12,811.59 lill-atturi;

Spejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-25 t'April 2008 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv a karigu tal-konvenuti minbarra dawk ta' Mario Stivala li huma a kariku tal-atturi flimkien.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA